# Frott l-Imħabba l-Iżjed Bnin

## Tifkira tal-100 sena mill-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li sar Malta fl-1913

Għadhom friski l-memorji ta' Ġunju li għadda meta l-Arċidjoċesi ta' Malta fakkret il-mitt sena minn meta sar il-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali bejn it-22 u s-27 t'April tal-1913. Dan l-avveniment iktar 'il quddiem kompla ssebbaħ bil-miġja tal-Papiet fostna u bid-dikjarazzjoni ta' Dun Ġorġ Preca bħala l-ewwel qaddis Malti kkanonizzat.

Il-qima lejn Ġesù Ewkaristija hija l-ikbar att ta' fidi li n-Nisrani jagħmel meta jaċċetta li huwa qiegħed iqim lill-Iben t'Alla magħmul bniedem taħt l-ispeċi tal-ħobż u l-inbid. Hija dik li tgħaqqad lin-Nisrani ma' ħutu l-Insara kollha f'għaqda sħiħa ma' Kristu Salvatur u Feddej tal-bnedmin u li permezz tal-Knisja, mxerrda fid-dinja kollha, tgħaqqad lill-Insara f'xirka waħda ta' mħabba.

Fil-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li sar f'Malta, il-Knisja uriet kemm hija valida l-preżenza ta' Ġesù fil-ħajja tal-bniedem u li permezz ta' din l-għaqda n-Nisrani jifhem aħjar il-missjoni tiegħu f'din id-dinja u hekk tkun mixja kontinwa ma' Kristu Ġesù lejn salvazzjoni sħiħa.



Il-Kardinal Domenico Ferrata li ġie Malta għall-Kungress Ewkaristku bħala Legat tal-Papa



Mons. Pietru Pace, l-Arċisqof ta' Malta fi żmien il-Kungress

L-Arċisqof ta' dak iż-żmien, Mons. Pietru Pace ħass li kienet ħaġa tassew utli għan-Nisrani Malti li jisma', jixtarr, jitgħallem u jitlob anke bl-Ewkaristija u għalhekk kien għamel talba formali lill-Papa ta' dak iż-żmien San Piju X sabiex il-Kungress li jmiss isir fid-djoċesi ta' Malta. Talba li ġiet aċċettata u milqugħa b'ferħ kbir. Dan kien l-24 Kungress Ewkaristiku Internazzjonali u hawn se naraw kif dan seħħ, u mhux inqas kif il-Parroċċa tal-Isla tat sehemha fil-ħidma u fl-organizzazzjoni tiegħu.

Waqt żjara li l-Kardinal Francis Bourne, Arċisqof ta' Westminister, għamel f'Malta, ra b'għajnejh id-devozzjoni lejn l-Ewkaristija, u ma ħasibiex darbtejn sabiex jara xieraq li l-Kungress li jmiss

isir f'Malta. Ma jonqosx ukoll li d-devozzjoni fl-Isla għandha l-importanza tagħha, u mhux biss, iżda wkoll tat sehemha sabiex kollox isir sewwa kif l-Isla dejjem għamlet f'ċirkostanzi bħal dawn u li l-poplu tal-Isla jitħeġġeġ dejjem iktar lejn Ġesù fl-Ewkaristija.

Il-Kungress kellu jiftaħ fil-Knisja Arċipretali tal-Mosta, li bħala kobor kienet toqgħod ħafna għal avveniment bħal dak. Attendew erba' Kardinali, 53 Isqof minn diversi pajjiżi bħal Tunes, l-Awstrija, Spanja, Rumanija, Italja, Arġentina, Alġier, Ungerija, Polonja, Kanada, Franza, Ġerusalemm u l-Portugal u s'intendi Malta. Għal dan il-Kungress kien se jiġi mibgħut il-Kardinal Domenico Ferrata bħala Legat speċjali tal-Qdusija Tiegħu il-Papa u biex jippresjedi il-Kungress b'mod speċjali fil-ftuħ u l-għeluq tiegħu.

L-Isla kellha wkoll tagħti s-sehem tagħha waqt dan il-Kungress. Insemmu l-Kapitlu tal-Kolleġġjata tal-Isla fil-purċissjoninjiet li ħa sehem fihom, il-Banda *Queen's Own* li daqqet l-Innu tal-Papa fil-wasla tal-Kadinal Legat Ferrata, żewġ Isqfijiet kienu mistiedna joqogħodu fl-Isla matul il-Kungress, u l-Pontifikal tal-Kardinal Alvarez y Santos ta' Sevilja fost oħrajn.



Il-Kardinal Alverez y Santos, l-Arċisqof ta' Sevilja



Il-Vapur tan-Navy Ingliża Hussar dieħel fil-Port il-Kbir nhar it-22 ta' April 1913 fl-erbgħa ta' wara nofsinhar

Din id-devozzjoni wasslet sabiex fid-29 ta' Diċembru 1908, bit-tħabrik ta' Dun Manwel Vella tiġi ffurmata għaqda msejħa *Lega Ewkaristika tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù.* Dawk imseħbin fiha ntrabtu li jaqdu tajjeb dmirijiethom lejn il-qima lil Ġesù fl-Ewkarstija u li jorganizzaw adorazzjonijiet Ewkaristiċi. Din l-għaqda kisbet l-approvazzjoni tagħha mill-Knisja fl-1913.

## Id-devozzjoni lejn Ġesù Ewkaristija fl-Isla

Jekk fl-Isla l-poplu t'Alla għandu għal qalbu bosta devozzjonijiet partikulari, bħalma huma il-qima lejn Marija Bambina u lejn Ġesù Redentur, id-devozzjoni lejn Ġesù Ewkaristija mhijiex nieqsa. Tajjeb insemmu li l-qima li tingħata lil dan il-Misteru turi l-qawwa tagħha fil-Kwaranturi li kienu jsiru fil-Kolleġġjata tal-Isla f'dawk iż-żminijiet u l-ħafna adorazzjonijiet li kienu popolari l-aktar waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-quddies lett li kienu jsiru fl-artali laterali tal-Knisja Kolleġġjata. Dawn il-Kwaranturi għadhom isiru b'devozzjoni sabiħa anke fi żminijietna fil-ġranet tal-Aħħar tas-Sena.

## Il-Ftuħ tal-Kungress.

Il-Ftuħ tal-Kungress ra l-bidu tiegħu mal-wasla tal-Kardinal Legat Domenico Ferrata fid-daħla, nistgħu nsejħulha trijonfali, fil-port il-kbir. Il-Vapur *Hussar* wassal lill-Kardinal Ferrata fid-dwana fix-xatt tal-Belt Valletta. Din il-wasla kienet imsieħba bid-daqq tal-Innu tal-Papa mill-Banda Sengleana *Queen's Own* mill-Ponta tal-Isla. Il-poplu ma naqasx li jagħti l-merħba popolari tiegħu billi xejjer bnadar, kpiepel u imkatar b'sinjal ta' ferħ. Mill-ponta tal-Isla ġew ukoll sparati 21 murtal bħala salut lill-Kardinal fil-wasla tiegħu f'pajjiżna. Irid jingħad ukoll li kien hemm jakkumpanjaw lill-Kardinal Legat,

il-Prinċep Barberini, l-Isqof Tedeschini, Monsinjur Toberglieri u Monsinjur Glorieux flimkien mas-segretarju privat tal-Kardinal Monsinjur Nicola.

**Sehem il-Kapitlu tal-Kolleġġjata tal-Isla.**

Bla dubju ta' xejn, il-Kapitlu tal-Isla kien ikun preżenti fid-diversi taħdidiet li kienu jsiru u mhux inqas fil-pruċissjonijiet li seħħew f'dawk il-ġranet hekk solenni. Wieħed jista' jimmaġina d-dehra tagħhom lebsin l-ilbies korali ta' kanonċi, mexjin bid-dinjità tagħhom fil-post allokat għalihom. Huma laqgħu bil-ferħ il-wasla tal-Kardinal Alvarez y Santos, l-Arċisqof ta' Sevilja fi Spanja. Il-Kapitlu min jaf kemm deher imponenti fil-purċissjoni, li saret nhar is-Sibt, 26 ta' April 1913, mill-Knisja ta' San Filippu għall-Knisja Kolleġġjata fejn sar il-Pontifikal Solenni minn dan il-Kardinal. Fi tmiem il-Pontifikal, il-Kardinal kien bierek bandalora sabiħa tal-Lega Ewkaristika, liema bandalora għadha miżmuma b'għożża sal-lum.

**Il-Banda Queen's Own fi żmien il-Kungress Ewkaristiku.**

Il-Banda *Queen's Own* tal-Isla, kellha wkoll tagħti sehemha waqt dan il-Kungress Internazzjonali. Fil-fatt, kif diġà ssemma, hija laqgħet lill-Kardinal Legat Ferrata bid-daqq tal-Innu tal-Papa. Dan kien ikun dejjem l-innu li jindaqq lill-Isqfijiet u lill-Prelati mal-wasla tagħhom f'xi okkażjoni partikulari. Dan ma setax jonqos li ma jindaqqx f'ċirkostanza unika bħal dik tal-Kungress Ewkaristiku. Il-Banda wkoll għandha tħossha kburija li tat sehemha fil-Kungress u li jgħinha twassal il-messaġġ Nisrani ta' Banda li tferraħ lill-poplu Nisrani.


Pjazza San Ġorġ u Triq Irjali l-Belt Valletta armati għall-okkażjoni tal-Kungress

Il-Kardinal Santos, wara l-Pontifikal tas-26 ta' April, għamel żjara lill-każin tal-Banda fejn bierek standard u ħalla wkoll kallotta biex tinżamm b'tifkira tiegħu. Din iż-żjara nisslet ferħ kbir fil-poplu tal-Isla.


Il-Kardinal Ferrata jbierek il-baħar mill-Barrakka ta' fuq. Jidhru sewwa miżgħuda bin-nies il-Ponta u l-Gardjola tal-Isla

**Persuni distinti oħra fl-Isla fil-ġranet tal-Kungress.**

Kienu ħafna dawk in-nies li xtaqu li f'dan l-avveniment iħallu isimhom imnaqqax fl-istorja tal-Kungress Ewkaristiku. Dawn kienu nies li taw ħinhom, flushom kif ukoll djarhom għad-dispożizzjoni ta' dawk preżenti bħala mistiedna u parteċipanti tal-Kungress Ewkaristiku.

Fosthom insibu lil Mons. Ġużeppi Bellia, li stieden u laqa' għandu lill-Isqof Polomieni, li kien l-Awżiljajru tal-Isqof Coombes. Żgur kellhom ikunu ġranet li ma jintesew qatt għal Mons. Bellia, li fid-dar tiegħu jilqa' prinċep tal-Knisja u li kellu sehem attiv fil-Kungress.

**Naqsmu flimkien l-Ikla Mqaddsa**

Dan il-kontribut ċkejken tiegħi ma jkollux sinifikat jekk ma nagħmlux ftit rakkomandazzjonjiet u wegħdiet lilna nfusna u lil Ġesù Kristu Salvatur tagħna.

- Il-Qima lejn Ġesù Ewkaristja tħalli sens Nisrani u spiritwali fina kemm-il darba nħallu lil Ġesù jkun preżenti fil-ħajja tagħna.
- L-Ewkaristija hija l-għaqda tad-dixxipli flimkien kif jingħad fil-Ktieb tal-Atti tal-Appostli. Minn din l-għaqda, u meta naqsmu flimkien l-Ikla Mqaddsa, toħroġ fil-verità kemm aħna magħqudin bejnietna u kemm irridu nkomplu nikbru fil-paċi bejn xulxin.
- Il-Qima lejn Marija Bambina, li tagħha qegħdin niċċelebraw il-festa, ma jkollhiex sens qawwi ta' fidi jekk Binha Ġesù ma jkunx imsieħeb magħna fil-mixja Nisranija tagħna.
- Inkunu attenti li l-Ewkaristija tkun iċ-ċentru ta' ħajjitna u ma tkunx mument ta żebliħ, speċjalment meta r-raġuni fina tintilef.
- Inkompli nitħeġġu b'avvenimenti bħal dawn għax huma biss, dawk li tistedinna għalihom il-Knisja, li jwassluna biex inkunu xhieda ħajja tal-Evanġelju.

Minn qalbi nawgura li Ġesù Ewkaristija jkun ix-xewqa ta' qalbna bħalma hi Marija ix-xewqa ta' qalbna u li dejjem induqu dan l-ikel tas-sema.... "Frott l-Imħabba l-Iżjed Bnin".

*Fr. Adrian Cassar Pulis O.Carm.*



*Fi tmiem il-Kungress, saret purċissjoni kbira bis-Sagrament (hawn għaddejja minn Putirjal) lejn il-Floriana fejn ingħatat il-Barka Sagramentali minn fuq Tribuna armata apposta*



Dan ir-ritratt inġibed f'April 1913 – mitt sena ilu – matul il-jiem tal-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali, meta l-knisja intramat daqslikieku għall-festa titular. F'dan ir-ritratt nosservaw illi f'dak l-okkażjoni, il-Bambina intramat fil-Kappellun tar-Rużarju, quddiem id-daħla għall-Oratorju tas-Sagrament. Wieħed ta' min jinnota l-ewwelnett il-prospettiva barokka tal-Kappellun fejn tiddomina l-pittura tal-Madonna tar-Rużarju, xogħol l-artist Senglean Francesco Zahra. Din il-pittura hija mdawwra bi 15-il kwadrett li juru il-15-il misterju tar-Rużarju. Wieħed josserva wkoll iz-zukklatura doppja tal-irħam, u l-pitturi tal-Qalb ta' Ġesù u l-Qalb ta' Marija tal-artist Senglean Ġużeppi Bonnici. Tispikka wkoll il-linfa kbira tal-kristall li kienet tiddendel f'nofs il-Kappellun.

Ħasra li l-prospettiva bil-pittura ta' Zahra, u l-linfa inqerdu fil-gwerra, kif ġralhom ukoll is-sett kandlieri tal-festa li jidhru fuq il-prima tal-artal, xogħol tal-bottega ta' Mariano Gerada.